MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2005

Numru 5/2004

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Noel Mizzi**

Il-Qorti:

Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fit-2 ta' April 2004 kontra l-imsemmi Noel Mizzi li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuzah talli (1) dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema

delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu u (2) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta;

Rat il-verdett tal-gurati tal-15 ta' Gunju 2005 li bih b'seba' (7) voti favur u b'zewg (2) voti kontra, sabu lill-imsemmi Noel Mizzi mhux hati skond l-ewwel kap ta' l-att ta' akkuza izda hati li kkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Albert Mark Sammut, li giet maghmula b'ferita li dahlet f'wahda mill-kavitajiet tal-gisem u ferita ohra li gabet debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew gabet difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem u liema feriti gew maghmula bi strument li jaqta' jew iniggez, izda b'dana li r-reat hu skuzabbli ghaliex hu agixxa taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma setax iqis l-eghmil tieghu u li bih unanimament sabu lill-imsemmi Noel Mizzi hati tat-tieni kap ta' l-att ta' akkuza;

Rat is-sentenza moghtija fil-15 ta' Gunju 2005 mill-Qorti Kriminali li permezz taghha kkundannat lil Noel Mizzi ghall-piena komplessiva ta' erba' (4) snin prigunerija li minnhom irid jitnaqqas kull perijodu li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz u kkundannatu wkoll ihallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' wiehed u sittin liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm61.81) import ta' l-ispejjez kollha peritali in konnessjoni mar-reat kif ukoll ordnat il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti favur il-Gvern ta' Malta, u dan wara li kkunsidrat hekk:

"Qieset is-sottomissjonijiet kollha dwar il-piena maghmula mill-abbli difensur Dottor Roberto Montalto, li jinsabu **kollha** registrati u senjatament - imma mhux biss - is-segwenti:

"Illi l-piena minima ghall-ewwel reat kienet dik ta' sitt xhur u l-massimu huwa ta' sitt snin prigunerija, u li l-piena massima ghat-tieni reat kienet dik ta' sitt gimghat

prigunerija, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9, b'kollox ghalhekk il-massimu hu ta' sitt snin u sitt gimghat prigunerija; li l-Qorti fl-applikazzjoni tad-diskrezzjoni li ghandha, ghandha tqis ic-cirkostanzi kollha li wasslu ghall-kaz partikolarment kif beda l-incident ta' dak in-nhar; li l-fedina penali tal-akkuzat kienet wahda netta u li huwa ghandu jitqies bhala 'first offender'; li dan kien kaz ta' reat passjonali u mhux ta' xi kriminal inkallit; li l-hati kien ilu jghix f'certu element ta' biza' mill-vittma; li l-fatt illi l-hati gie pprocessat mill-Qorti Kriminali m'ghandu jgib ebda konsegwenza partikolari u ghalhekk f'dan il-kaz kellu jkun hemm l-applikazzjoni tal-Artikolu 28A u tinghata prigunerija ta' sentenza sospiza; li l-hati qatt ma kien ghamel xejn qabel u lanqas wara l-kaz u li ma kellux problemi ohra hlief din; li l-hati kien dispjacut hafna u li anki beda jibki waqt l-indirizz u sahansitra wara l-incident kien cempel biex jara l-ferut x'kien gralu; illi s-socjeta` ma kienx fadallha interess wara l-verdett tal-gurati li l-hati jigi nkarcerat u li l-iskop tal-piena kellu jkun wiehed ta' riforma; li kien hemm gurisprudenza ta' Qrati ohra li setghet tiggwida lil din il-Qorti fl-applikazzjoni tal-piena;

"Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli Prosekutur Dottor Anthony Barbara:-

"Illi dan il-kaz partikolari kien gara proprju tmint ijiem qabel ma kienet inbidlet il-ligi li ccarat diffikulta` li kienet sabet il-gurisprudenza fis-sens li anki fejn ikun hemm l-iskuzanti tal-agitazzjoni tal-mohh it-test ghandu jkun wiehed oggettiv u mhux soggettiv kif il-gurati gew diretti biex jaghmlu f'dan il-kaz a beneficcju tal-hati; illi bil-fatt li f'dan il-kaz intuzat arma inholqot sitwazzjoni ta' certa gravita`; illi l-vittma se jibqa' jsofri sa l-ahhar ta' hajtu bil-mankament fl-uzu ta' idejh li hija ta' natura gravissima u oltre dan kien hemm ferita ohra ta' natura gravi li ppenetrat il-kavita` abdominali. Ghalhekk issottometta li f'dan il-kaz ghandu jkun hemm piena karcerarja effettiva u m'ghandux jinghata messagg lis-socjeta` li wiehed jista' johrog bl-armi fuqu, specjalment meta jkun sejjer certu postijiet bhal Paceville;

"Ikkunsidrat:

"Illi l-kaz kien wiehed ta' certa gravita` u b'rizultat tieghu l-vittma sofriet ferita gravissima u ferita ohra gravi, li pero` minhabba l-konkors formali jew ideali, ghall-fini ta' piena, ghandha tigi assorbita fir-reat ta' ferita gravissima kontemplat fl-Artikolu 218(1)(a) tal-Kodici Kriminali;

"Illi fil-fehma ta' din il-Qorti bil-verdett tal-gurija l-hati gja` gie moghti l-beneficcju tal-attenwanti li jimmeritah;

"Illi kif gie ritenut fis-sentenzi ricenti tal-Qorti Kriminali fejn ikun hemm kazijiet ta' vjolenza, partikolarment fejn ikunu ntuzaw l-armi, bhala regola generali, ghandu jkun hemm piena karcerarja effettiva, u dan l-insenjament gie segwit ukoll minn din il-Qorti f'sentenzi taghha ricenti;

"Qieset dak li gie ritenut fis-sentenza Ingliza ta' **Bancroft** (1981) [3 Cr. App. R. (S) 119] citata b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fil-kawza **'Ir-Repubblika ta' Malta vs Francis sive Cikku Farrugia'** [3.10.2003] u minn din il-Qorti fis-sentenza **'Ir-Repubblika ta' Malta vs Francis Buhagiar'** [5.11.2003] konfermata fl-appell [24.9.2004]:-

"**'…notwithstanding that a man's reason might be unseated on the basis that the reasonable man would have found himself out of control, there is still in every human being a residual capacity for self-control, which the exigencies of a given situation may call for. That must be the justification for passing a sentence of imprisonment, to recognise that there is still left some degree of culpability … (ara Jeremy Horder: 'Provocation and Responsibility' (OUP, 1992, p. 120)"**;

"Mill-banda l-ohra pero` l-Qorti ser tiehu ukoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet kollha tad-difiza partikolarment il-kondotta netta tal-hati u r-retroxena ta' kif zviluppa l-incident in kwistjoni, mill-bidu sal-ahhar biex tittempera l-piena konformement."

Rat li minn din is-sentenza Noel Mizzi nterpona appell permezz ta' rikors ta' appell tieghu datat 7 ta' Lulju 2005 li bih talab li din il-Qorti (1) tikkonferma l-verdett u s-sentenza moghtija fejn huwa gie ddikjarat mhux hati skond l-ewwel kap ta' l-att ta' akkuza migjub kontra tieghu; (2) tikkonferma l-istess verdett u sentenza in kwantu huwa gie misjub u dikjarat hati skond it-tieni kap ta' l-att ta' akkuza; (3) thassar u tirrevoka l-istess verdett u sentenza fejn huwa gie misjub u dikjarat hati talli kkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mark Albert Sammut, li giet maghmula b'ferita li dahlet f'wahda mill-kavitajiet tal-gisem u ferita ohra li gabet debulizza permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew gabet difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem u liema feriti gew maghmula bi strument li jaqta' u bil-ponta, izda b'dan li r-reat huwa skuzabbli ghaliex huwa agixxa taht influwenza immedjata ta' passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt ma setax iqis il-konsegwenza tal-ghemil tieghu, u minflok tissostitwixxi l-verdett tal-gurati b'verdett li bih tiddikjarah hati talli kkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mark Albert Sammut, li giet maghmula b'ferita li dahlet f'wahda mill-kavitajiet tal-gisem u ferita ohra li gabet debulizza permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew gabet difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem u liema feriti gew maghmula bi strument li jaqta' u bil-ponta, izda b'dan li r-reat huwa skuzabbli ghaliex huwa kien gie ipprovokat b'delitt kontra l-persuna liema delitt huwa suggett ghall-piena ta' aktar minn sena prigunerija jew sussidjarjament ghaliex huwa kien gie ipprovokat b'delitt kontra l-persuna ta' kull xorta li jkun u taghti dik is-sentenza kif gustifikata bil-ligi; (4) alternattivament tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha f'dik il-parti li kkundannatu ghall-piena ta' erba' snin prigunerija u minflok tinfliggi piena aktar gusta u idoneja ghall-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-appellant ghandu zewg aggravji: (1) li fil-kors tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti kien hemm interpretazzjoni jew applikazzjoni skorretta jew inkompleta tal-ligi li seta' kellha influwenza fuq il-verdett tal-gurati; (2) li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, il-piena erogata mill-ewwel Qorti kienet wahda eccessiva, gravuza u sproporzjonata meta kkunsidrata u abbinata mal-fatti kollha tal-kaz odjern.
L-ewwel aggravju ta' l-appellant jirrigwarda dik il-parti ta' l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri rigwardanti l-iskuzanti prospettata mid-difiza tal-provokazzjoni prevista taht l-artikolu 230(a) - li jirreferi ghall-artikolu 227(a) - tal-Kodici Kriminali, u cioe` provokazzjoni li tkun gejja minn offiza gravi fuq il-persuna jew minn delitt ikun x'ikun kontra l-persuna suggett ghal piena ta' aktar minn sena prigunerija, u li l-appellant jghid li dwaru l-gurati gew indirizzati skorrettement. L-appellant jghid ukoll li dan l-ilment jestendi ruhu wkoll b'mod sussidjarju ghal dik il-parti ta' l-indirizz li tikkoncerna l-iskuzanti tal-provokazzjoni prevista mill-artikolu 230(c) tal-Kodici Kriminali, u cioe` provokazzjoni minn delitt ta' kull xorta kontra l-persuna. Huwa jispjega dan l-aggravju hekk:

"L-esponent jilmenta mill-fatt illi diversi drabi fil-kors tal-indirizz f'dik il-parti fejn kienet qed tinghata esposizzjoni ta' dritt dwar l-iskuzanti tal-provokazzjoni u dik tal-passjoni istantaneja [fol. 39 - 45 tal-indirizz], l-Imhallef sedenti kien qieghed jissostitwixxi certu elementi essenzjali tal-provokazzjoni ma' dawk tal-passjoni istantaneja u jirreferi ghal wahda flok l-ohra indiskriminatament b'mod li jekk qaghdu fuq dak li semghu, il-gurati kellhom necessarjament jiskartaw l-iskuzanti tal-provokazzjoni [kemm dik taht il-paragrafu (a) u kemm dik taht (c) tal-artikolu 230] favur l-iskuzanti tal-agitazzjoni tal-mohh jew passjoni istantaneja.

"Enuncjazzjoni skorretta jew inkompleta ta' dritt dwar l-iskuzanti tal-provokazzjoni tinsab a fol. 41 tal-indirizz fejn testwalment inghad is-segwenti:

"'*Biex ikun hemm il-provokazzjoni rrid illi l-hsara tkun tali li f'nies ta' temperament ordinarju komunement iggib l-effett*

*li ma jkunx kapaci li jqis il-konsegwenzi tad-delitt. Issa hawnhekk fuq il-provokazzjoni qed nitkellmu ma nhalltuhiex ma' l-agitazzjoni tal-mohh.'*

"Dwar dan il-punt imbaghad l-Imhallef sedenti baqa' jelabora aktar 'il quddiem u jispjega kif il-gurati ghandhom japplikaw it-test oggettiv hemm indikat sabiex jaraw jekk ir-reazzjoni tal-esponent ghall-aggressjoni kinitx wahda li tirrikoncilja ruhha mal-mod kif kien jirreagixxi bniedem ta' temperament ordinarju.

"Illi mill-bran hawn fuq rapportat jidher car illi filwaqt li l-gurati suppost kienu qeghdin jigu indirizzati dwar l-iskuzanti tal-provokazzjoni taht l-artikolu 230(a) u (c) prospettata mid-difiza, l-Imhallef sedenti kien qieghed effettivament jispjega x'tip ta' provokazzjoni tista' tiggustifika l-iskuzanti tal-passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh li temergi mill-artikolu 230(d) [li jirreferi ghall-artikolu 227(d)]. Fl-umli fehma tal-esponent dan kien legalment skorrett u indubbjament kellu konsegwenza fuq il-verdett ahhari tal-gurati.

"Ghalkemm l-esponent jikkoncedi li l-agitazzjoni tal-mohh tista' tkun skaturita wkoll minn xi forma ta' provokazzjoni, il-provokazzjoni invokata mid-difiza taht il-paragrafi (a) u (c) tal-artikolu 230, hija wahda gejja minn fatt preciz u partikolari li jekk jissussisti allura jkun iservi ta' skuzanti ghall-azzjonijiet tal-hati purche` jikkonkorri r-rekwizit essenzjali rikjest mill-artikolu 235 u cioe` li dan ikun sar fil-mument ta' l-azzjoni li taghha jingieb bhala skuzanti.

"Effettivament dak li l-ligi tipprospetta huwa li f'sitwazzjoni fejn ikun hemm xi tip ta' provokazzjoni li ma tinkwadrax f'dak ipotizzat fil-paragrafi (a) u (c) tal-artikolu 230 peress illi din il-provokazzjoni la tkun gejja minn ferita gravi jew minn delitt kontra l-persuna punibbli b'sena prigunerija jew minn delitt kontra l-persuna ta' kull xorta, tali provokazzjoni tista' xorta wahda twassal ghal beneficcju tal-iskuzanti taht l-artikolu 227(c) jekk din iggib bhala konsegwenza l-agitazzjoni tal-mohh tal-persuna provokata purche` jikkonkorri wkoll dak spjegat mill-ewwel Qorti lill-gurati u li jinsab riprodott hawn aktar 'il fuq. Mill-banda l-

ohra jekk jirrizulta illi l-provokazzjoni tkun wahda specifika minn dawk prospettati mil-ligi fil-paragrafi (a) u (c) tal-artikolu 230 u cioe` tkun provokazzjoni gejja minn ferita gravi jew minn delitt kontra l-persuna punibbli b'sena prigunerija jew minn delitt kontra l-persuna ta' kull xorta, allura sakemm din il-provokazzjoni tkun saret fil-waqt tal-att kriminuz, din tintitola lill-hati ghal beneficcju ta' dik l-iskuzanti u dan irrelevanti mill-fatt jekk ikunx hemm agitazzjoni tal-mohh jew sahna tad-demm. Din l-interpretazzjoni hija sorretta wkoll mill-emendi introdotti bl-Att III tal-2002 li kristallizzaw dak suespost meta emendaw il-paragrafu (c) tal-artikolu 227 b'mod li sabiex ma jibqa' ebda ekwivoku nehhew il-kliem *'fil-kazijiet ta' provokazzjoni …'*. Konsegwenzjalment, l-unika provokazzjoni li tista' titqies bhla skuzanti llum hija dik li tkun gejja minn ferita gravi jew minn delitt iehor kontra l-persuna punibbli b'sena prigunerija jew aktar jew minn delitt kontra l-persuna ta' kull xorta u dan fit-termini tal-artikolu 230 (a) u (c) u 227(a).

"L-esponent jilmenta wkoll mill-fatt illi a fol. 45 tal-indirizz il-gurati gew diretti sabiex jikkunsidraw dak li jipprovdi l-artikolu 229 meta jkunu qeghdin iqisu l-iskuzanti tal-provokazzjoni a tenur tal-artikolu 230 (a) u (c). Bid-dovut rigward, l-artikolu 229 ma' jsib ebda applikazzjoni fejn si tratta ta' skuzanti ta' provokazzjoni li tkun gejja minn ferita gravi jew minn delitt iehor kontra l-persuna punibbli b'sena prigunerija jew aktar jew minn delitt kontra l-persuna ta' kull xorta. Effettivament dan l-artikolu jelenka sitwazzjonijiet fejn id-difiza tal-passjoni istantaneja taht l-artikolu 227(c) ma tkunx ammissibbli, pero` madankollu meta l-gurati gew indirizzati dwar din l-iskuzanti, ma sar ebda accenn ghall-artikolu 229. Dan fil-fehma tal-esponent seta' wkoll fic-cirkostanzi wassal sabiex il-gurati jiskartaw il-verdett bl-iskuzanti tal-provokazzjoni taht l-artikolu 230(a) u (c)."

Il-kwistjoni kollha, mela, tirrigwarda l-interpretazzjoni moghtija mill-ewwel Qorti ghall-element ta' provokazzjoni mehtieg sabiex offiza volontarja tista' titqies skuzabbli fic-cirkostanzi msemmija fil-paragrafu (a) u fil-paragrafu (c) ta' l-artikolu 230 tal-Kodici Kriminali. Il-paragrafu (a)

jirreferi ghas-sitwazzjoni fejn offiza volontarja fuq il-persuna tkun saret mill-hati wara li kien "ipprovokat b'offiza gravi fuq il-persuna jew b'delitt iehor kontra l-persuna, meta dan id-delitt ikun suggett ghall-piena ta' aktar minn sena prigunerija". Il-paragrafu (c) jirreferi ghas-sitwazzjoni fejn offiza volontarja fuq il-persuna tkun saret mill-hati wara li kien ipprovokat "minn delitt, ta' kull xorta li jkun, kontra l-persuna". Tajjeb hawn li wiehed jara ezatt x'intqal mill-Imhallef li ppresjeda l-guri fl-indirizz tieghu, u ghalhekk sejrin jigu riprodotti l-brani saljenti[1]:

"It-tieni linja sussidjarja li takom id-difensur hija illi dak li ghamel l-akkuzat Noel Mizzi ghamlu ghaliex kien provokat b'delitt fuq il-persuna tieghu illi kien igib fih innifsu, kieku kontu qed tiggudikaw lil min ghamlu dak id-delitt, piena ta' aktar minn sena prigunerija. X'inhu dan id-delitt li qed tinvitakom id-difiza li tghidu illi sar fil-konfront issa ta' l-akkuzat? …. Qed jghidilkom, ara, il-fatt li dan resaq fuqu kif ghamel, iccelingjah, gera ghalih u mar fuqu qisu hakmu u beda jaghtih u anke ghax kellu flixkun f'idejh, dan kien hati Sammut ta' tentattiv ta' ferita gravi. Mela qisu qed jakkuza lil Sammut illi b'dik l-istorja li ghamel, qasam jigri, mar fuq l-iehor u beda jtieh, u gew fl-idejn anke meta kellu l-flixkun f'idejh Sammut, kieku haduh il-Qorti quddiem Magistrat seta' anke jehel sa sena habs ghax kien ikun hati ta' tentattiv ta' ferita gravi.

"Issa fil-fatt, tentattiv ta' ferita gravi b'xi mod jista' jwassal li jekk issibu hati tieghu jehel sena habs iva, imma issa tridu taraw intom jekk ic-cirkostanzi li qed tipprospettalkom id-difiza - ghax din Dott. Herrera qed jghidha, hadd ma qalha, dan ghandu dritt jghidha u jekk jikkonvincikom sal-grad tal-probabbli li seta' kien hemm, bizzejjed ghalih, illi hemmhekk kien hemm tentattiv ta' ferita gravi. F'dak li ghamel Sammut qed nitkellmu issa, insew lill-akkuzat ghal mument.

"Issa x'kienu c-cirkostanzi ta' fatt li rrizultaw hawnhekk? Dawn smajtuhom il-provi li qasam u mar fuqu bil-girja lanqas ma jikkontestah Sammut pero` Sammut jghid 'jien

[1] Pagni 39 - 44 tat-traskrizzjoni ta' l-indirizz .

f'idejja ma kelli xejn', kien hemm xhieda li qalu li kellu flixkun u kien hemm xhieda li qalu li ma kellux. Issa, again, hawn dejjem mill-probabbli aktarx iva jew le, kellu jew ma kellux flixkun f'idejh? Dak il-manager il-bierah ma setax jghidilna, qalilna kellu drink, issa drink tista' tkun tazza tal-whisky bil-whisky fiha u bil-mobile f'idejh l-ohra. Irrizulta li nghatat xi daqqa b'dak li kellu f'idu, sija bil-mobile u sija bil-flixkun u sija bit-tazza jekk kienet tazza? Fuq bazi ta' probabbli rrizulta aktarx iva milli le li ta biha? Araw intom u jekk stess irrizulta li ta jew bil-mobile, jew bil-ponn, jew bit-tazza jew bil-flixkun f'dan il-kaz grat il-ferita gravi jew inkella ferita lievi - pero` jista' jaghti l-kaz u huwa possibbli legalment illi allavolja li hemm ferita lievi kif nafu li hemm ghax qalulna li kien hemm xi grif fuq idejh, illi t-tentattiv kien biex jaghmillu ferita gravi. Jista' jaghti l-kaz dan pero` trid tigi ppruvata din l-intenzjoni li dejjem, all right la hija difiza sal-grad tal-probabbli, imma tridu tkunu sodisfatti intom illi meta ghamel hekk Sammut mhux l-intenzjoni li jaghmillu ferita hafifa kif fil-fatt ghamillu u kellu imma li kellu l-intenzjoni li jaghmillu ferita gravi ghax *what is good for the goose is good for the gander*. Biss id-differenza hi li waqt li l-prosekutur irid jipprova lilkom sac-certezza morali illi l-akkuzat kellu dik l-intenzjoni specifika li joqtol jew ipoggilu hajtu f'periklu car, bit-tezi tad-difiza li qed jghidilkom Sammut ried jaghmel tentattiv ta' ferita gravi bizzejjed li pprovahielkom sal-grad tal-probabbli. Araw ic-cirkostanzi kollha, qisuhom sew minn dak li rrizulta u ma rrizultax u tghid jien isma' sal-grad ta' aktarx iva milli le konvint illi Sammut meta qasam b'dak il-mod kellu jew ma kellux affarijiet f'idejh jew x'kellu u ma kellux. Dak imbaghad arawh intom. Ried jaghmel ferita gravi fuq l-akkuzat u allura meta l-akkuzat meta tah daqqa ta' sikkina jew daqqa ta' mus kien provokat b'dak ix-xorta ta' delitt?"

F'dan il-bran appena citat l-ewwel Qorti kienet korretta fl-ispjegazzjoni li tat lill-gurati. Izda mbaghad ghaddiet biex tispjega l-element ta' provokazzjoni u hawn insibu wkoll dik il-parti li l-appellant irrefera ghaliha fir-rikors ta' appell tieghu:

"Imma issa rridu naraw ukoll il-provokazzjoni kif trid tkun u anke hawn il-provokazzjoni ma tridx tkun stidintha int fis-sens illi tmur ticcelingja lil xi hadd ghal glied imbaghad meta jigi ghalik biex jiggieled mieghek tghidlu mela issa inti ha taghmilli tentattiv ta' ferita gravi mela jien daqqtejn ta' mus. Ma tistax tkun inti stess li pprovokajt is-sitwazzjoni li issa mbaghad qed titlob il-provokazzjoni fuqha specjalment jekk hu l-kaz li nkun stidintu jien lil dak li jkun biex johrog barra halli naghmillu dak li qallu li ried jaghmillu jekk temmnu l-verzjoni ta' Sammut. Jekk temmnu l-verzjoni ta' l-iehor, li kull ma ried kien ikellmu biex jirranga mieghu bil-kwiet, allura dan li qed nghid ma japplikax. Biex ikun hemm il-provokazzjoni irid ikun illi l-hsara tkun tali li f'nies ta' temperament ordinarju komunement iggib l-effett li ma jkunx kapaci li jqis il-konsegwenzi tad-delitt. Issa hawnhekk fuq il-provokazzjoni qeghdin nitkellmu ma nhalltuhiex ma' l-agitazzjoni tal-mohh Kif kienet il-ligi dak iz-zmien meta gara l-incident, meta qed inqisu issa l-provokazzjoni biss, jigifieri qasam ghalih biex jaghmillu tentattiv ta' ferita gravi u l-iehor gie provokat u qabad il-mus u tahielu, hawn issa fuq din biss mhux l-element soggettiv jidhol, jigifieri kif kien qed jahsibha l-akkuzat, imma hawn tridu taraw dan il-kriterju: illi r-raguni tkun tali illi f'nies ta' temperament ordinarju, jigifieri *the common man in the street* - issa mhux dak li qieghed jissubixxi l-attakk jew il-provokazzjoni - komunement igib l-effetti li ma jkunx kapaci li jqis il-konsegwenzi tad-delitt. Mela hawnhekk jidhol l-objective test issa, f'din biss, eh, ghax fis-self-defence subjective, kif kien qed jaraha hu, u meta nigu iktar tard ghall-agitazzjoni tal-mohh subjective ukoll kif kienet il-ligi dak iz-zmien imma f'din, fil-kaz ta' provokazzjoni t-test huwa oggettiv. Kif qed jaraha hu jew kif kellhom jarawha n-nies normali din is-sitwazzjoni? Dan granted dejjem illi taqblu sal-grad tal-probabbli illi kien hemm sitwazzjoni ta' tentattiv ta' ferita gravi da parti ta' Sammut. Imma issa r-reazzjoni tieghu kienet dik li jkollu bniedem normali, bniedem ordinarju li jkollu temperament normali jew bniedem illi kien agitat jew ferocjat dak il-hin? Ghaliex ir-reazzjoni tkun accettabbli ghal bniedem normali, bniedem li qieghed ta' temperament normali. Araw kemm huma difficli dawn, ghalhekk ghidtilkom tidhol f'hafna kriterji differenti, il-ligi

hija komplikata daqsxejn hawnhekk imma din tridu izzommuha f'raskom illi jekk se taqghu fuq din id-difiza u bhalma ghidna din hija difiza sussidjarja illi d-difiza qed taghtihielkom *as a secondary line*, ghax tkunu skartajtu s-*self-defence* imbaghad taraw illi kien hemm sal-grad tal-probabbli provokazzjoni minn Sammut fis-sens li ser jaghmel tentattiv ta' ferita gravi imma r-*reaction* tieghu kienet dik li jaghmel bniedem normali ta' temperament normali? U hawn tqisuh bil-kriterji taghkom imbaghad tal-*man in the street* mhux bil-kriterju tieghu.

"It-tielet … linja ta' difiza …. Jekk sal-grad tal-probabbli intom sodisfatti illi l-iehor, Sammut, anke ghamillu ferita ta' natura hafifa kif fil-fatt donnu hemm jekk intom taqblu mat-tobba, mat-tabib li gie u qal li ezaminah ghax qal illi kellu xi grif fuq idejh dik tkun bizzejjed biex ikun hemm il-provokazzjoni pero` dejjem salv illi *the man in the street, the ordinary man* ta' temperament normali kien jirreagixxi billi ghal girfa fuq l-idejn u jibda jaghti bil-mus sitta la sinestra ghax hekk qalulna hawn li beda jxejjer biex jiddefendi ruhu fejn gie gie mhux ghax immira, hekk qal id-difensur, allura jekk inti giriflek idek inti tibda taghti bil-mus fejn gie gie? U din tridu tqisuha issa bil-kriterju tar-ragel ordinarju, bir-ragel tat-temperament oggettiv, mhux bil-kriterju tieghu, soggettiv."

L-esposizzjoni tal-ligi li ghamel l-Imhallef li ppresjeda l-guri fil-bran hawn fuq riportat ma kinitx preciza. Difatti l-kliem li uza li "l-hsara tkun tali li f'nies ta' temperament ordinarju komunement iggib l-effett li ma jkunx kapaci li jqis il-konsegwenzi tad-delitt" huwa kliem il-ligi fejn tittratta d-difiza tal-passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh skond il-paragrafu (c) ta' l-artikolu 227 tal-Kodici Kriminali, u huma kliem li jinsabu fil-proviso ta' dak il-paragrafu u japplikaw <u>biss</u> ghal dak il-paragrafu. Fil-kazijiet prospettati mid-difiza taht l-artikoli 230(a) - b'referenza ghall-artikolu 227(a) - u 230(c), it-test huwa wiehed oggettiv (kif qal l-Imhallef li ppresjeda l-guri), izda dan fis-sens li dak li jrid jigi determinat huwa: (1) jekk l-akkuzat ikunx ghamel offiza volontarja fuq il-vittma u (2) jekk tali offiza saritx bhala <u>reazzjoni</u> (jigifieri hemmx verament in-ness immedjat ta' kawza u effett) ghall-aggressjoni fuqu mill-

vittma. Jekk l-offiza saret bhala reazzjoni ghall-aggressjoni kif inghad, irid jigi determinat: (3) jekk saritx offiza gravi fuq il-persuna ta' l-akkuzat jew delitt iehor kontra l-persuna suggett ghall-piena ta' aktar minn sena prigunerija (art. 230(a)) - jew (4) jekk sarx delitt, ta' kull xorta li jkun, kontra l-persuna ta' l-akkuzat (230(c)). Dawn il-provokazzjonijiet, pero`, jiswew lill-akkuzat, ossia lill-hati, biss meta jkunu saru "fil-waqt ta' l-azzjoni li taghha jingiebu bhala skuza" (art. 235), u cioe` li l-akkuzat ikun irreagixxa ghal aggressjoni li qed issirlu dak il-hin stess, irreagixxa ghal att estern specifiku.

Kwantu ghall-applikazzjoni ta' l-artikolu 229 tal-Kodici Kriminali, l-appellant huwa korrett meta jghid li dan strettament mhux applikabbli ghall-kazijiet indikati fl-artikolu 230(a) u (c). L-artikolu 229 difatti jirreferi biss ghal sitwazzjonijiet fejn l-iskuza tal-passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh imsemmija fl-artikolu 227(c) mhix ammissibbli. U mit-traskrizzjoni ta' l-indirizz jidher evidenti li l-ewwel Qorti abbinat dan l-artikolu ma' l-iskuzanti taht l-artikolu 230(a) u (c); ghandu jizdied jinghad, pero`, li kemm fid-duttrina kif ukoll fil-gurisprudenza d-difiza, ossia skuzanti, tal-provokazzjoni (sija taht il-paragrafu (a) ta' l-artikolu 227 kif ukoll taht il-paragrafu (c) ta' l-artikolu 230) giet ritenuta mhux ammissibbli meta min jinvokaha ikun hu stess li pprovoka jew ta lok ghall-agir imsemmi fil-paragrafi (a) u (c) surriferiti. Hekk ukoll mhux ammissibbli l-iskuzanti tal-provokazzjoni meta l-akkuzat ikun gja` ghamel il-hsieb li joqtol jew li jaghmel offiza volontarja fuq il-persuna qabel ma ssehh l-aggressjoni tal-vittma, ghax f'dan il-kaz ma jkunx jista' jinghad li l-akkuzat ikun verament "irreagixxa" ghall-agir tal-persuna l-ohra.

In vista ta' dawn in-nuqqasijiet fl-indirizz ghalhekk din il-Qorti trid tiddetermina jekk minkejja dawn in-nuqqasijiet jistax jinghad "illi ma saret ebda amministrazzjoni hazina tal-gustizzja" (artikolu 501(1)(b) proviso tal-Kodici Kriminali), u dan jinnecessita ezami approfondit tal-provi.

Issa, fil-kaz ta' tentattiv ta’ offiza gravi jew tentattiv ta’ offiza gravissima (delitt suggett ghall-piena ta' aktar minn sena prigunerija), din il-Qorti kellha diga` okkazjoni

tirritjeni[2] li jista’ jkollok tentattiv ta’ offiza gravi jew tentattiv ta’ offiza gravissima, purche` jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda minn dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz. Ghalhekk l-espressjoni “delitt iehor kontra l-persuna” uzata fl-artikolu 227(a) tikkomprendi wkoll id-delitt ta’ tentattiv ta’ offiza gravi.

Fil-kaz in ezami l-appellant jissottometti fl-ewwel lok li hija applikabbli d-difiza tieghu skond l-artikolu 230(a) tal-Kodici Kriminali peress illi huwa kkawza l-offiza fuq il-persuna ta' Sammut wara li dan "ta s-salt ghalih u hebb ghalih bi flixkun tal-birra. Kien hawn illi Mizzi sabiex jiddefendi l-persuna tieghu tbaxxa, gholla id wahda sabiex jilqa' d-daqqiet u bl-ohra hareg il-mus li kellu fuqu u beda jxejjer bl-addocc fid-direzzjoni ta' Sammut." Huwa jsostni li bil-mod kif aggredieh, Sammut kellu l-intenzjoni specifika li jikkagunalu offiza gravi. Sussidjarjament jghid li hija applikabbli l-iskuzanti taht l-artikolu 230(c) tal-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha, waslet ghas-segwenti konkluzjonijiet:

Jidher li l-argumenti bejn l-appellant u Sammut, li t-tnejn kienu jahdmu bil-mini-bus, kienu bdew madwar sena qabel minhabba dizgwid fuq xi vjagg li kien ghamel certu Emanuel Vella, impjegat ta' l-appellant, ghal Albert Sammut meta kien halla lil xi hadd l-art, dan tilef l-ajruplan, u kienet qed issir talba ghad-danni li Sammut ippretenda li ghandu jhallas l-appellant. F'okkazjoni minnhom Sammut kien xejjer xi daqqa ta' ponn lill-appellant u minn dak iz-zmien ma baqghux jitkellmu u, skond l-appellant, beda jgorr mus mieghu fil-van ghax kien jibza' minn Sammut. Fil-hmistax qabel l-incident, sema' xi messaggi fuq stazzjon tar-radio li dehrlu li kienu indirizzati lejh minn Sammut u maghmulin biex jinkuh. Barra minn hekk Sammut kien cempel lill-appellant diversi drabi bi zball peress illi ried icempel lil Emanuel Vella li kellu l-istess numru tal-mobile bhal ta' l-appellant

[2] Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003.

b'varjazzjoni biss ta' l-ewwel zewg numri (ta' l-appellant kien 99452990 u ta' Emanuel Vella kien 79452990). Dakinhar ta' l-incident *de quo* l-appellant ircieva messagg minghand Sammut li kien jghid testwalment hekk: "Isma liba kollok jien cempilt biz zbal issa jekk trid tqeclaq ejdi u ejja il footloose ha ndahku". Sammut xehed li baghat dan il-messagg wara li certa Rachel Schembri (li kienet tohrog ma' l-appellant izda li mbaghad bdiet tiffrekwenta lil Sammut) kienet avzatu li l-appellant mahruq ghalih. L-appellant jghid li cempel lil Sammut u qallu biex ihalluh bi kwietu u Sammut wiegbu "ejja l-Footloose, ragel". L-appellant mar, il-mus li kien izomm fil-van dahlu fil-but, u dahal il-Footloose fejn sab lil Sammut bilqieghda mal-bar u kif qallu biex ihalluh bi kwietu Sammut dar, qallu "gejt kornut kollok" u tah daqqa ta' ponn. Il-bouncers tefghu lill-appellant 'il barra. Hareg certu Christopher Desira bl-iskop li jipprova jikkalma l-affarijiet u jkellem lill-appellant. L-appellant, pero`, beda jcempel lil Sammut li hareg mill-Footloose u dak il-hin mar ghalih. L-appellant jghid li meta cempillu qallu li kien mar biex jitkellmu bhal zewgt irgiel u mhux biex jiggieldu. Sammut jghid li l-appellant qallu "jiena qieghed fejn ir-Rock Café liba, ejja ha nahxik minn wicc id-dinja".

Minn dan huwa evidenti li dak li gara filghaxija fil-21 ta' April 2002 irid jinqasam f'zewg incidenti: l-incident gewwa l-Footloose u l-incident hdejn il-Hard Rock Café. Dan huwa hekk peress illi l-incident gewwa l-Footloose kien intemm, bl-appellant jinhareg 'il barra mill-bouncers u sahansitra Christopher Desira johrog ikellmu biex jikkalma l-affarijiet. Albert Sammut kien baqa' gewwa l-Footloose u hareg biss ghax l-appellant beda jcempillu. Bir-retroxena kollha li kien hemm ghal dak li gara fil-lejl in kwistjoni, il-gurati setghu ghalhekk ragjonevolment jikkonkludu li huwa aktar verosimili li l-kliem li lissen l-appellant meta cempel lil Sammut kienu dawk li semma' Sammut u mhux dawk li qal l-appellant. Dan ifisser li meta Sammut mar ghal fuq l-appellant, dan ghamlu wara l-provokazzjoni ta' l-appellant stess. Konsegwentement l-appellant ma jistax jipprevalixxi ruhu minn ebda wahda mill-iskuzanti minnu msemmija taht l-artikolu 230(a) u 230(c) tal-Kodici Kriminali.

Il-gurati sabu lill-appellant hati li kkaguna offiza ta' natura gravi u ohra ta' natura gravissima fuq il-persuna ta' Albert Sammut, b'dan li r-reat hu skuzabbli ghaliex l-appellant agixxa taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh li minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma setax iqis l-eghmil tieghu. Din il-Qorti hi tal-ferma konvinzjoni li l-uniku verdett gust li setghu jaghtu l-gurati kien proprju dan. Konsegwentement, nonostante n-nuqqasijiet fl-indirizz riskontrati, ma saret l-ebda amministrazzjoni hazina tal-gustizzja.

It-tieni aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-piena li hu jqis bhala eccessiva. Skond gurisprudenza kostanti, pero`, mhuwiex normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. Fil-kaz in ezami m'hemmx dubbju li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti kienet tidhol fil-parametri tal-ligi. Il-punti kollha msemmija mill-appellant u li jhoss li ghandhom jitqiesu minn din il-Qorti bhala attenwanti, certament kienu a konoxxenza ta' l-ewwel Qorti li, in effetti, ma mponietx il-piena massima ta' sitt snin dwar kif l-appellant gie misjub hati taht l-ewwel kap ta' l-att ta' akkuza. Din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, kellha wkoll diversi okkazjonijiet tesprimi ruhha fis-sens li l-vjolenza ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha l-piena ta' prigunerija b'effett immedjat, aktar u aktar fejn jintuzaw armi u jweggghu wkoll individwi. Mhuwiex inoltre tollerabbli li f'socjeta` civili persuna ggorr arma fuqha kontra l-ligi - hi x'inhi r-raguni - specjalment f'postijiet frekwentati miz-zghazagh. Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti ma tarax li huwa l-kaz li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif ezercitata f'dak li huwa l-quantum tal-piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------